*Revoka Mandat*

*Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12*

*Penali - Art 836(8)(d) tal-Kap 12*

*Abbuz Procedurali*

*Kawza citata hazin fil-kawzali tal-Mandat*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum it-Tnejn 9 ta' April 2018

## Rikors Guramentat Numru : 205/2018/LSO

**Fl-Atti tal-Mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 264/18 fl-ismijiet: Grands Holdings Limited [C19839]**

**vs**

**Raymond Zarb ID: 735255(M) u Isabelle Zarb ID: 44360(M); Patricia Grima Azzopardi ID: 356270(M); Dione Bezzina ID: 533233(M); Kevin Catania ID: 358870(M); Ann Marie Sopp ID: 967944(M); Mary Calleja ID: 697552(M); Habtasam Muscat Fitz ID: 539084(M); Leonard Vella ID: 599461(M); u Charles Vella ID: 180030(M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Raymond Zarb (KI 735255M); Isabelle Zarb (KI 44360M); Patricia Grima Azzopardi (KI356270M)**;** Dione Bezzina (KI 533233M); Kevin Catania (KI 358870M); Annmarie Sopp (KI 967944M); Mary Calleja (KI 697552M); Habtasam Muscat Fitz (KI 539084M); Leonard Vella (KI 599461M); Charles Vella (KI 180030M) *ai termini* ta' l-Art. 836(1) tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta datat 2 ta' Marzu 2018 fejn esponew :-

1. Illi l-esponenti ezekutatati qed javallaw ruhhom mill-procedura kontemplata fl-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ., u jgibu l-ilmenti taghhom lill-Qorti li qed tisma' u titratta l-

kawza fl-ismijiet "Grands Holdings Ltd v. Raymond Zarb et" (ref: 954/2016/LSO), biex **jithassar *in toto*** l-att kawtelatorju odjern, u dan ghall-motivi li ser jigu espressi *infra*.

2. Illi *in primis*, jigi osservat li ghalkemm wiehed jifhem li sekwestrant ikun irid jikkawtela l-jeddijiet tieghu billi jzomm lis-sekwestrat milli jaghmel xi haga li tippregudika l-assi ta' dan ta' l-ahhar bil-konsegwenza li jigi pregudikat ukoll il-jedd pretiz minn dak ta' l-ewwel (u dan billi s-sekwestrat jiddisponi jew jehles liberament mill-assi patrimonjali tieghu a detriment tas-sekwestrant), **hu doveruz ghas-sekwestrant li meta jutilizza l-ghodod procedurali bhal ma hu att kawtelatorju, dan jaghmlu b'diligenza, bi prudenza u b'bona fidi**. Addizzjonalment, sekwestrant ghandu jara li l-ghemil tieghu konkomitanti ghall-intavolar ta' l-att kawtelatorju u sussegwenti ghalih ikun ukoll meritevoli li jiggustifikaw l-ezistenza ta' tali att kawtelatorju. Hu ghalhekk li l-ligi timponi fuq is-sekwestrant fuq att kawtelatorju li jiehu gurament, u cioè dikjarazzjoni solenni li l-att li qed iressaq hu mizura kontra s-sekwestrat bazata fuq jeddijiet legittimi u in bona fidi tas-sekwestrat li mbaghad jaghzel javvanza l-pretensjoni tieghu f'forma ta' azzjoni.

3. Jidher illi l-qrati taghna gharfu dan l-aspett wara l-ghodda *de qua* u proprju fid-decizjoni *in re* **Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut** (Prim'Awla, 5 ta' Gunju, 2003) inghad illi, "*Il-Mandati kawtelatorji qeghdin hemm biex iservu ta' tarka ghal min jippretendi li hu*

*kreditur, però, m'ghandhomx jintuzaw bl-addocc u lanqas m'ghandhomx jintuzaw bi skop li jwegghu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw*" (enfazi mizjuda). Gie ukoll ritenut fid-decizjoni *in re* **Pauline Vassallo noe v. The Eden Foundation et** (Prim'Awla, 3 ta' April, 2008), "*Illi l-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun*."

4. L-esponenti issa jghaddu ghall-motivi specifici ghat-thassir ta' l-odjern att kawtelatorju. Izda, l-ewwel u qabel kollox jehtieg li jinghata l-isfond kronologiku fattwali wara l-prezenti talba:

(i) Il-kumpanija sekwestranta kienet intavolat mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru. 1611/2017 fis-6 ta' Novembru, 2017 ghall-ammont ta' €54,750.00c. Il-kawzali ta' tali mandat kienet tghid hekk: "*Somma rapprezentanti telf ta' qligh mill-kera tal-fond ossija hanut Numru 2, Zimella Flats, Islets Promenade, Bugibba liema fond ma jistax jinkera dovut ghall-ispoll ikkagunat mis-sekwestrati,* ***liema kwistjoni hija mertu tal-proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi, rikors mahluf 954/16/LSO****. Is-somma ikkawtelata tirraprezenta kera bir-rata ta' 50 Ewro kuljum ghal perjodu ta' tlett snin.*" (enfazi mizjuda) [**Dok: A**];

(ii) Fit-28 ta' Novembru, 2017 is-sekwestrati (hawn esponenti) ressqu rikors skont l-Art. 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn, ghall-motivi fih esposti, talbu r-revoka u t-thassir ta' l-imsemmi mandat kawtelatorju nru. 1611/2017. Ghal tali rikors il-kumpanija sekwestranta wiegbet b'risposta datata 14 ta' Dicembru, 2017;

(iii) Tali rikors ghar-revoka gie trattat fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2018 (fil-proceduri nru. 1079/2017/LSO) u eventwalment, b'digriet kamerali datat 13 ta' Frar, 2018, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghar-revoka u thassir tal-imsemmi mandat. Il-parti operattiva u dispozittiva ta' l-indikat digriet tghid hekk: «*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Grands Holdings Limited, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti odjerni ezekutati billi tilqa' l-ewwel talba u thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 1611/2017 fl-ismijiet Grands Holdings Limited vs Raymond Zarb et., kif spjegat, abbazi tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilqa' ukoll it-tieni u t-tielet talbiet. Tilqa' r-raba' talba u, ghar-ragunijiet spjegati, u ai termini tal-artikolu 836(8) (a) tal-Kap 12, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti odjerni penali ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) bejniethom. Tichad il-hames talba ghar-ragunijiet spjegati. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba billi ma hemmx disposizzjonijiet ohra li ghandhom jinghataw. Tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi tordna li dawn jithallsu mis-socjeta' intimata.*» [**Dok: B**];

(iv) Fost id-diversi kunsiderazzjonijiet maghmula minn din l-Onorabbli Qorti, il-mandat kawtelatorju nru. 1611/2017 kien gie mhassar ghax «*din il-Qorti tikkondividi t-tezi tar-rikorrenti sekwestrati li l-azzjoni ta' danni ma hijiex kompatibbli guridikament mal-azzjoni ta' l-ispoll billi l-indagni mehtiega ghas-sejba ta' responsabbilita' ghad-danni necessarjament tmur il' hinn mir-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll. Il-jedd 'prima facie' f'kawza ghad-danni huwa preordinat fuq l-ezitu favorevoli tal-azzjoni ta' spoll, filwaqt li l-kawzali mehtiega ghall-azzjoni ta' spoll hija mibnija fuq il-pussess ta' kull xorta jkun* [ … … … ] *kif gja imfisser ante, din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` sekwestranti ma setghetx titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju ghad-danni pretizi marbuta ma' kawza ta' spoll li ghadha 'sub judice' in kwantu l-pretensjoni ta' risarciment tad-danni mhix kompatibbli mal-azzjoni ta' spoll*.»

(v) Fit-13 ta' Frar 2018 l-esponenti ressqu kontro-mandat u dakinhar stess din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, akkordat il-hrug ta' l-istess [**Dok: C**];

(vi) Illi sitt (6) ijiem wara d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti citat fuq, senjatament fid-19 ta' Frar, 2018, il-kumpanija sekwestranta regghet ressqet mandat kawtelatorju iehor ta' sekwestru kontra l-istess esponenti sekwestrati. Din id-darba in-numru tal-mandat huwa 264/2018 (fl-ismijiet fuq premessi) izda **l-ammont pretiz u l-kawzali huma identici ghal dak precedentement mahrug u revokat** (i.e., nru. 1611/2017). L-ammont

kawtelat hu, ghal darb'ohra, ta' €54,750.00c u l-kawzali terga' tghid hekk: "*Somma rapprezentanti telf ta' qligh mill-kera tal-fond ossija hanut Numru 2, Zimella Flats, Islets Promenade, Bugibba liema fond ma jistax jinkera dovut ghall-ispoll ikkagunat mis-sekwestrati, **liema kwistjoni hija mertu tal-proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi, rikors mahluf 954/16/LSO**. Is-somma ikkawtelata tirraprezenta kera bir-rata ta' 50 Ewro kuljum ghal perjodu ta' tlett snin.*" (enfazi mizjuda) [**Dok: D**];

5. Elenkata din il-kronologija fattwali, l-esponenti sekwestrati jghaddu issa biex iressqu s-segwenti sottomissjonijiet biex il-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru. 264/2018 datat 19 ta' Frar, 2018 jigi revokat u mhassar. Il-motivi ghal dan huma riportati *infra*.

6. Hemm lok li l-prezenti rikors ghar-revoka jintlaqa' skont dak dettat mill-**para. (d) ta' l-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ.**, "*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat*." Hemm lok li l-prezenti rikors ghar-revoka jintlaqa' wkoll skont dak dettat fil-**para. (f) ta' l-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ.** ossia "*jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew* [l-att kawtelatorju ma jkunx] *ġustifikabbli*."

7. Illi l-ammont ta' €54,750.00c imsemmi fil-mandat kawtelatorju nru. 264/2018 hu (ghal darb'ohra) abbinat mal-kawza ta' spoll privileggjat fl-ismijiet "Grands Holdings Ltd v. Raymond Zarb et" (nru. 954/2016/LSO) u mhux mal-

kawza ta' danni fl-istess identici ismijiet bir-referenza numru 28/2018/LSO. Dan ifisser li l-kumpanija sekwestranta – ghal xi raguni li taf hi biss – qed terga' tniedi u tressaq, bil-gurament taghha, att kawtelatorju bazat fuq l-istess identici motivi tal-mandat kawtelatorju precedenti (nru. 1611/2017), liema motivi u mandat kienu gew dikjarati invalidi u inammissibbli b'digriet kamerali datat 13 ta' Frar, 2018 kif *supra* gja' spjegat. In-nuqqas ta' gustifikazzjoni ghal tali agir irendi l-odjern mandat suxxettibbli li jigi revokat fuq il-bazi tal-paragrafi (d) u/jew (f) ta' l-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ. u dan ghar-ragunijiet li sejrin jigu dettaljatament espressi hawn isfel.

8. Ghalkemm fil-proceduri ta' revoka (nru. 1079/2017/LSO) giet trattata il-kwistjoni li mandat kawtelatorju bhal dak mahrug mill-kumpanija sekwestranta ma setax jinhareg, u dan ghax, kif eventwalment affermat din l-Onorabbli Qorti fid-digriet kamerali taghha tat-13 ta' Frar, 2018, "*socjetà sekwestranti ma setghetx titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju ghad-danni pretizi marbuta ma' kawza ta' spoll li ghadha sub judice in kwantu l-pretensjoni ta' risarciment tad-danni mhix kompatibbli mal-azzjoni ta' spoll*", xorta wahda l-istess kumpanija ghazlet li terga' tressaq mandat iehor kawtelatorju ta' sekwestru bl-istess identika kawzali, cioè l-kawtela ta' ammont ta' flus in konnessjoni – kif sostniet hi stess – mal-"*proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi, rikors mahluf 954/16/LSO*" li huma proceduri dwar spoll privileggjat.

9. Kif gja' rilevat, il-kumpanija sekwestranta kienet intavolat proceduri *ad hoc* ta' danni fid-9 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet "Grands Holdings Limited v. Raymond Zarb et" bir-referenza numru 28/2018/LSO. Cionostanti tali fatt, xorta wahda l-kumpanija sekwestranta ghazlet illi tirreplika l-agir (procedurali) taghha – li kien gie censurat minn din l-Onorabbli Qorti tramite d-digriet tat-13 ta' Frar, 2018 (fejn sahansitra kienet giet ikkundannata thallas penali) – u tressaq nwovament l-istess identika talba u tikkollegaha mal-proceduri ta' spoll privileggjat (u mhux mal-kawza ta' danni nru. 28/2018/LSO).

10. Kien hemm diversi u numerevoli indikaturi – cari u inekwivoci – biex iwissu u jallertaw lill-kumpanija sekwestranta biex tikkonforma ruhha u tirrettifika l-ghemil (procedurali) taghha. Certament, id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Frar, 2018 (u l-kunsiderazzjonijiet fih espressi) kellu jkun wiehed minn dawn l-indikaturi. Madanakollu, jidher li l-istess kumpanija baqghet twebbes rasha u torbot il-pretiza kawtelatorja taghha ma' proceduri ta' spoll (i.e., nru. 954/2016/LSO dwar spoll) minfloka ma' ohrajn (i.e., nru. 28/2018/LSO dwar danni).

11. L-esponenti sekwestrati minn issa jbassru u janticipaw illi wara li l-prezenti talba tigi a konjizzjoni/konoxxenza tal-kumpanija sekwestranti, din taf targumenta li l-kawzali riportata fil-mandat kawtelatorju ta' sekwestru l-gdid bin-numru 264/2018 sehhet b'xi zvista jew b'xi zball dattilografu jew xi haga simili. Madanakollu, dan mhux il-kaz. Oggetti bhal dawn ma jistghux jigu kunsidrati

merament bhala zvisti jew erruri ta' kitba. Hawnhekk qed nitkellmu fuq att gudizzjarju li jinhareg solament fuq is-sahha tal-gurament tas-sekwestrant u l-korollarji u l-effetti konsegwenzjali tieghu jafu jkunu kbar u serji. Ghalhekk tenhtieg certu kuranza, diligenza, prudenza u attenzjoni fir-redazzjoni ta' tali atti gudizzjarji, ghax altrimenti l-korollarji jafu jkunu kaotici u, f'certi kazijiet, devastanti ghad-destinatarju sekwestrat. Kif ben osservat minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta (ghalkemm il-mertu kien differenti minn dak tal-llum) fil-kawza *in re* **Carmel Attard v. Joseph Attard et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 21 ta' April, 2008), "*l-mod kif jigi redatt att gudizzjarju jista' jwassal ghal konsegwenzi serji hafna fuq il-pretenzjonijiet ta' min jaghmilhom*." In oltre, skont id-decizjoni *in re* **Alice Amato noe v. Vivian B. DeGray, M.V.O., M.B.E., noe et** (Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 1958), "*it-termini uzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani ghal-ligi; xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici.*"

12. Il-kumpanija sekwestranti volontarjament u liberament ghazlet li terga' tibbaza l-proprja pretensjoni a bazi ta' kawzali illi c-cifra kawtelata hi in konnessjoni ma' proceduri ta' spoll privileggjat (haga li ma tistax issehh). Kien hemm zmien ragjonevoli u sufficjenti biex l-istess kumpanija – wara r-revoka ta' l-ewwel mandat taghha (nru. 1611/2017/LSO) – tirradrizza l-posizzjoni taghha u tohrog, jekk hekk emmnet li kellha taghmel, mandat kawtelatorju

iehor miktub b’mod idoneju u bazat fuq kawzali pertinenti. Ma jkunx gust li l-kumpanija sekwestrata tigi permessa jew koncessa – issa f’dan l-istadju – tirrettifika l-izvista jew l-izball taghha, ghax inkella tkun qed tigi krejata sitwazzjoni fejn it-traskuragni u l-inkurja (ta’ l-istess kumpanija) jigu premjati u/jew kondonati. La l-kumpanija sekwestranta ghazlet li terga’ tibbaza l-kawzali taghha bil-mod u manjiera deskritta (bil-gurament) fil-mandat *de quo*, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tissorvola tali aspett permezz tal-principju ta’ ‘ius superveniens’ u lanqas tramite l-applikazzjoni ta’ l-Art. 175(1) Kod. Proc. Civ. u dan proprju ghaliex tali rettifika u/jew korrezzjoni tkun qed tbiddel is-sustanza tal-kwistjoni b’detriment ghall-odjerni esponenti sekwestrati. Tali filosofija ta’ hsieb tidher riflessa fid-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **Joseph Attard et v. Mario Attard et** (Prim’Awla, 7 ta’ Lulju, 2014) inghad li, “*M’ghandux ikun li fit-twegiba guramentata konvenut jaghti difiza u mbaghad waqt is-smigh tal-provi ibiddel il-posizzjoni, ghaliex forsi hekk ikun jaqbillu li jaghmel. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut u mhux xi argumenti godda li jqajjem fil-kors tas-smigh tal-kawza*.” Ghakemm tali senjalazzjoni titkellem dwar kawza (i.e., rikors guramentat u risposta guramentata), l-esponenti ma jarawx kif l-istess principju baziku m’ghandux japplika *mutatis mutandis* ghal proceduri ta’ revoka bhal dawk odjerni.

13. Dwar il-principju ta’ ‘ius superveniens’ l-esponenti sekwestrati jikkontendu li dan ma jista’ qatt japplika ghall-kaz *de quo*. Id-dottrina ta’ ‘jus superveniens firmat

actionem et exceptionem' hi applikabbli meta d-difett inizjali jigi ssanat bis-sopravenjenza ta' fatt jew jedd **<u>wara</u>** li titressaq istanza jew difiza. F'dan il-kaz l-ebda cirkostanza jew kontingenza ma avverat ruhha wara li l-kumpanija sekwestranta intavolat il-mandat kawtelatorju suggett ghall-prezenti proceduri. Anzi, tali mandat gie miktub u mressaq **wara** li x-xenarju bejn il-kontendenti dwar il-pretiza rizarcitorja kienet trattata fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2018, **wara** li fid-9 ta' Jannar, 2018 giet intavolata l-kawza ghad-danni fl-ismijiet "Grands Holdings Limited v. Raymond Zarb et" (bir-referenza numru 28/2018/LSO) u **wara** d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Frar, 2018. B'dawn l-episodji kollha precedenti ghall-prezentata tal-mandat *de quo* (nru. 264/2018), il-kumpanija sekwestranta ma tistax tikkontendi li grat xi haga fil-mori wara l-prezentata tieghu li tiggustifika z-zamma fis-sehh ta' l-istess jew li xi kontingenza sopravenuta tissana l-prezenti mandat kawtelatorju ta' sekwestru.

14. Lanqas ma jista' japplika dak previst fl-Art. 175(1) Kod. Proc. Civ. Dan ghaliex tali disposizzjoni tikkoncerna zbalji klerikali, liema bidliet ma jistghux jimmodifika jew jirridimensjonaw is-sustanza jew l-oggett tal-kontiza. Tant dan hu minnu li tali disposizzjoni tghid, *inter alia*, hekk: "*Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti bdil fl-iskritturi,* [... ... ...] *billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni***

***jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża***" (enfazi mizjuda). Il-kumpanija sekwestranta hadet gurament fuq il-kawzali unika u preciza li (terga') tikkolega l-ammont ta' flus minnha pretiz mal-proceduri ta' spoll privileggjat (u mhux mal-kawza ta' danni precedentement intavolata). L-esponenti sekwestrati qed jintavolaw il-prezenti proceduri proprju minhabba tali fatt konxjament ripetut. Allura, ma jistax ikun li l-kumpanija sekwestranti tigi issa koncessa l-opportunità li tikkoregi l-posizzjoni taghha wara li ghazlet tiehu tali gurament u tohrog l-odjern mandat kawtelatorju u wara li l-esponenti qed jilmentaw minn tali fatt. Opportuna hafna l-osservazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, fil-proceduri (ta' inibizzjoni) *in re* **Rebecca Galea v. Emanuel Spagnol et** (digriet tal-21 ta' Lulju, 2017), fejn ukoll kien hemm talba sabiex att gudizzjarju jigi rettifikat/sanat tramite l-Art. 175(1) Kod. Proc. Civ. Hemmhekk inghad, *inter alia*, illi, "*hu pacifiku li l-att gudizzjarju ghandu sa fejn jista' jkun, jigi salvat, izda l-* ***Qorti ma tistax tinjora t-traskuragni fit-thejjija tal-atti gudizzjarji li jitressqu quddiemha***" (enfazi mizjuda).

15. Inoltre jerga' jigi ribadit (kif ukoll sostniet din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Frar, 2018) illi hemm **inkompatibilità bejn l-azzjoni gudizzjarja ta' spoll u l-jedd pretiz li jigi kawtelat** mill-kumpanija sekwestranta tramite il-mandat kawtelatorju odjern bin-numru 264/2018. Il-kawza (ta' spoll) ma tipprospetta l-ebda xenarju jew vinkolu bejn debitur u kreditur u l-istess ma tippostula l-ebda talba ghall-kwantifikazzjoni ta' danni pekunjarji. Min-

naha l-ohra, l-att kawtelatorju unilateralment jipprospetta xenarju jew vinkolu bejn debitur u kreditur u l-istess arbitrarjament jippostula l-kwantifikazzjoni pekunjarja ghal danni allegatament mgarrba. Jinghad mill-ewwel li talba ghad-danni (u kwantifikazzjoni taghhom) hi inkompatibbli ma' kawza ta' spoll. Kif ritenut *in re* **Valentino Valenti et v. Tarcisio Azzopardi et** (Prim'Awla, 2 ta' Ottubru, 2002): "*fil-fatt jista' jinghad li l-azzjoni ta' danni ma hijiex kompatibbli guridikament u gudizzjarjament mal-azzjoni ta' l-ispoll stante li ezami ta' tali kawzali jinhtieg necessarjament ezami tad-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kawza, b'dan li tali ezercizzju necessarjament immur 'lil hinn mir-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll, li tistharreg biss fuq l-element possessorju bhala actio possessorja 'par excellance', u mhux fuq drittijiet ta' natura petitorja*." Tali linja ta' hsieb giet abbraccjata minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2018.

16. Ghalhekk, huwa **inawdit u inkoncepibbli li l-kumpanija sekwestranta <u>terga</u>' tressaq mandat kawtelatorju ta' sekwestru gdid in kollegament ma' tali kawza ta' spoll privileggjat**. Li kieku tali mandat inhareg mill-gdid in konnessjoni mal-proceduri imressqa fid-9 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet "Grands Holdings Limited v. Raymond Zarb et" (bir-referenza numru 28/2018/LSO) kieku l-istorja kienet tkun ferm differenti stante li l-kawtela ta' somma ta' flus tkun sehhet a bazi ta' talba gudizzjarja li fiha tkun qed tintalab somma rizarcitorja. Kif inhu redatt l-odjern mandat, l-istess hu – ghal darb'ohra – msejjes

esklussivament fuq il-kawzali tal-proceduri ta' spoll (i.e., proceduri nru. 954/2016/LSO).

17. Dan kollu jittraduci ruhu fil-motivi misjuba fic-citat Art. 836(1) (d) u (f) Kod. Proc. Civ., u cioè li llum il-gurnata intwera li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju u dan ghaliex mhux gustifikabbli li att kawtelatorju jithalla fis-sehh.

18. Illi, fid-dawl ta' dak sovra diskuss, il-prezenti talba ghandha tigi akkolta *ai termini* tal-**para. (d) u/jew (f)** ta' l-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ. l'ghaliex, *inter alia*, mhux ragonevoli li dan l-att kawtelatorju jinzamm fis-sehh u, ghalhekk, l-ammont fuq imsemmi m'huwiex gustifikat li jibqa' mizmum mill-patrimonju ta' l-esponenti. Dan proprju ghax imsejjes fuq kawzali li din l-Onorabbli Qorti diga' ddekretat illi ma tistax tissusisti (ara digriet tat-13 ta' Frar, 2018).

19. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-esponenti rispettozament jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tutilizza s-setgha diskrezzjonali taghha u timxi ma' dak previst fl-**Art. 836(8)(d) Kod. Proc. Civ.** Ghalhekk, il-qorti hi mitluba li "*tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas **penali** ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju*" u dan ghaliex, skont il-**para. (d)** ta' l-indikata disposizzjoni, ghax

"*it-talba tar-rikorrent* (i.e., kumpanija sekwestranta) *tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja*."

20. Ghalkemm imposta penali fl-ammont ta' €1164.69c fuq l-import tal-paragrafu (a) ta' l-Art. 836(8) Kod. Proc. Civ., fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Frar, 2018 il-motiv ghal penali skont il-paragrafu (d) ta' l-Art. 836(8) Kod. Proc. Civ. kien gie michud. Dan l'ghaliex "*ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` fil-hrug tal-Mandat in ezami*" (i.e., mandat nru. 1611/2017). Din il-qorti kienet sostniet tghid illi, "*kien jinkombi fuq irrikorrent li jipprova xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` hekk kif gie implikat fir-rikors. Dan bl-applikazzjoni tal-principju li l-bona fede hija prezunta izda l-hazen irid jigi ppruvat*" u illi, "*l-Qorti ma tistax toqghod fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet, kwindi tqis li ladarba dawn l-elementi ma gewx ippruvati, l-pretensjonijiet tal-intimata ma jistghux jitqiesu li huma malizzjuzi, fiergha jew vessatorji*."

21. Fil-kaz prezenti, bil-hrug tal-mandat kawtelatorju 264/2018 da parti tal-kumpanija sekwestranta, ghandu johrog illi l-mala fidi taghha hija wahda apparenti u *de visu* u awtomatikament manifestata bit-traskuragni grossolana taghha. Ta' min jissottolineja illi n-negligenza grossolana hi ekwivalenti ghal "dolo" hekk kif maghdud, *inter alia*, fid-decizjoni *in re* **John Bonello noe v. John Ripard noe et** (Appell Superjuri, 25 ta' Ottubru 2013). Kif ritenut mill-gursta **Baudry-Lacantinerie** ("Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni", Vol. VI. p.560), "*chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, può*

*essere condannato a pagare un'indemnità al suo avversario*". Inoltre, bil-hrug tal-mandat kawtelatorju 264/2018 da parti tal-kumpanija sekwestranta, jidher ukoll element ta' vessatorjetà. Kif affermat fil-kawza *in re* **Jane Spiteri v. Nicholas Camilleri** (Prim'Awla, 10 ta' Jannar 1992), l-"*vessatorjetà jimplika certu grad ta' kolpozità, ta' kattiverija. Element ta' vessatorjetà jkun jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja*."

22. Bl-introduzzjoni ta' l-imsemmi att kawtelatorju ta' sekwestru gdid, is-socjetà sekwestranti qed turi inkurja, traskuragni, frivolozità u vessatorjetà fl-agir taghha. **Il-fatt li kien hemm indikaturi ferm cari ghall-istess kumpanija ta' x'setghet u x'ma setghetx taghmel (kif rifless fid-digriet datat 13 ta' Frar 2018) turi negligenza grossolana u inkurja serja u gravi fl-agir taghha**. L-ebda ghodda procedurali m'ghandha tintuza b'mod frivolu jew legger jew traskurat. Altrimenti, jkun hemm abbuz sfaccat tal-Ligi u tal-procedura sabiex – kif senjalat aktar kmieni – titwaddab pressjoni (indebita) fuq il-parti avversarja. Hi haga certa illi l-Ligi ma tridx dan u certament din l-Onorabbli Qorti mhux ser tinjora jew tissorvola tali kwistjoni u thalli dan l-ghemil impunit jew thallih bla ebda censura. Fil-kawza *in re* **Josephine Sammut v. Emanuel Sammut et** (Prim'Awla, 3 ta' Lulju, 2003) gie asserit illi, "*Il-mandat mhux intiz bhala magna ta' estorzjoni, izda ghandu jigi adoperat bil-prudenza li jixraq. L-abbuz jista' u ghandu jigi sanzjonat bl-impozizzjoni tal-penali*."

23. Illi mic-cirkostanzi fuq deskritti ghandu johrog manifest **l-ghemil xejn diligenti tal-kumpanija sekwestranti, ossia li tippersisti u terga' tressaq att kawtelatorju fl-istess manjiera u dicitura li kienet diga' giet kkundannata bhala illecita u guridikament inammissibbli minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Frar, 2018**. Kien hemm fatturi cari u elementi facilment accertabbli ghall-istess kumpanija qabel ma ghazlet li fid-19 ta' Frar, 2018 terga' tressaq l-istess identika pretensjoni kawtelatorja *de quo*. Hawnekk ghandha tapplika l-massima "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire" u anke dik li tghid "ex turpi causa non oritur actio".

24. F'tali cirkostanzi, u fid-dawl ta' kif zviluppaw u zvolgew l-affarijiet (spjegati *supra*), l-esponenti jemmnu li l-kumpanija sekwetranta ghandha tigi kundatta li thallas penali ghall-agir taghha inkawt u ferm traskurat, liema penali ghandha tkun aktar qrib il-massimu permess mil-ligi milli lejn il-minimu, ossia qrib €6,988.12c milli €1,164.69c.

**Ghaldaqstant**, bla ebda pregudizzju ghal jeddijiet ohra li l-esponenti jafu jkollhom kontra l-kumpanija sekwestranta, l-istess esponenti qed iressqu dan ir-rikors u jqanqlu dawn is-sottomissjonijiet kontra il-hrug u z-zamma fis-sehh *in toto* tal-mandat kawtelatorju bin-numru u fl-ismijiet *supra* premessi u igibuhom a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u umilment jitolbu lill-istess Qorti sabiex, ghar-ragunijiet moghtija u ghal dawk li jafu jitqanqlu fl-eventwali trattazzjoni tal-prezenti proceduri:

(i) **tirrevoka *in toto*** dan l-att kawtelatorju fis-sens li tirrevokah in virtú tal-para. (d) u/jew (f) ta' l-Art. 836(1) Kod. Proc. Civ.;

(ii) **tikkundanna** lill-kumpanija sekwestranti jressqu kull att gudizzjarju necessarju, a spejjez taghhom, sabiex jitnehhew l-effetti ta' l-att kawtelatorju imsemmi hekk kif mitlub fl-ewwel talba u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

(iii) **taghti l-fakoltà** lill-esponenti li, fin-nuqqas tal-kumpanija sekwestranti milli tikkonforma ruhha mat-tieni talba huma ikunu jistghu jressqu l-opportuni atti gudizzjarji, a spejjez ta' l-istess kumpanija, sabiex jitnehhew l-effetti ta' l-att kawtelatorju indikat hekk kif mitlub fl-ewwel talba;

(iv) **tordna u tikkundanna** lill-kumpanija sekwestranti biex thallashom dik il-penali lill-esponenti skont l-Art. 836(8) Kod. Proc. Civ. kif imfisser f'dan ir-rikors;

(v) **tordna u taghti** kull ordni u/jew provvediment iehor opportun, necessarju u/jew mehtieg sabiex dawn il-precedenti talbiet, kollha jew in parti, jigu effettivament imharsa u/jew ezegwiti;

(vi) **tikkundanna** lill-kumpanija sekwestranti thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2018.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Grands Holdings Limited [C19839] datata 15 ta’ Marzu 2018 fejn esponiet :-

1. Illi t-talbiet dedotti fir-rikors odjern ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru numru: 264/18 fl-ismijiet premessi ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

2. Illi permezz ta' din il-procedura, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom mis-socjeta' esponenti in kawtela ta' pretensjoni dedotta f’ zewg kawzi pendenti quddiem din il-Qorti konsistenti f’ kawza ta' spoll u f’ kawza ghad-danni konsegwenzjali. Ir-rikorrenti qed jinvokaw fil-kuntest il-provvedimenti tal-ligi kontenuti fl-Art. 836(l)(f) u 836(l)(d);

3. Illi l-Art. 836(l)(f) testwalment jjipprovdi illi:

*"(f) Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. "*

4. Illi r-rikorrenti jsejsu din it-talba fuq il-fatt illi fil-kawzali tal-mandat odjern, is-socjeta' esponenti semmiet riferenza ta' kawza wahda biss (ossija dik ta' spoll) u ma semmitix il-kawza ghad-danni. Madanakollu l-kawzali mitluba fil-

Mandat odjern ma jhallu l-ebda dubju illi l-pretenzjoni tal-esponenti hija wahda ta' danni naxxenti mill-ispoll:

*"Somma rapprezentanti telf ta qligh mitt kera tal fond ossija hanut Numru 2, Zimella Flats, Islets Promenade, Bugibba, liema fond ma jistax jinkera dovut ghallispoll ikkagunat mis-sekwestrati";*

5. Illi d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Ara per ezempju decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awwissu 2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et";

6. Illi r-rikorrenti qed jitlob ukoll li l-mandat ta' sekwestru jithassar *a tenur* tal-Art. 836(l)(d) li jipprovdi ghal tali thassir:

*"(d) Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew eccessiv."*

7. Illi in linea ta' principju illi kif sostniet il-Qorti fil-provvediment "Farrugia vs Exalco Holdings" (deciz fis-6 ta' Dicembru 1999):

*"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-intimata ezekutanti ghandhiex bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha mahluf fil-mandat. Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed "eccessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ccirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin. "*

8. Illi ghandu jirrizulta pacifiku fil-kaz odjern, wara li dina l-Onorabbli Qorti tara l-kawzali tal-mandat illi l-kawzali tal-istess mandat indubjament jorbtu l-kreditu msemmi fih. Ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex tqis li r-rikorrenti sekwestrati ghandhom ragun lanqas taht din id-dispozizzjoni;

9. Illi permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti stess fejn cahdet it-talba tal-esponenti sabiex titnehha r-riferenza ghall-kawza ta' spoll minflok il-kawza ghad danni, l-Qorti kienet cara fejn irriteniet illi <u>**m'huwiex kwezit *sine qua non***</u> ghar-rikorrent fit-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi jindika n-numru tac-citazzjoni fil-kawzali;

10. Illi l-esponenti konsegwentement tinsisti illi hija d-dicitura tal-kawzali stess illi ghandha tholl u torbot il-validita' ta' mandat mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti. Ma ninsewx illi l-esponenti gja giet imcanfra tal-fatt illi ma kinetx fethet kawza idoneja ossija dik ghal-likwidazzjoni tad-danni fiz-zmien prefiss mil-ligi;

11. Illi jigi ribadit illi l-principju generali assodat mill-gurisprudenza prevalenti hija li l-formalizmu zejjed ghandu jigi evitat u l-atti ghandhom jigu salvati (sa fejn hu possibbli) sabiex tigi evitata wkoll duplicita' ta’ kawzi, *vide inter alia* "Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe" deciza mill-Qorti tal-Appell (Kummercjali) fl-14 ta' Marzu 1988:

*"Tul is-snin dan l-artikolu kif originarajament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicita' ta' kawzi u biex jigi evitat dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal ghal biex jigi stultifikat il-kuncett tal-gustizzja. Pero' ma wasal qatt u ma gie qatt uzat mill-Qrati taghna biex tigi stultifikata l-istess ligi li testwalment tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun talvolta tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni".*

12. Illi bl-umilta' kollha r-rikorrenti qeghdin evidentement jippruvaw minn kollox sabiex jehilsu mid-disagju li jgib mieghu mandat ta’ sekwestru bhal dak fil-kaz odjem;

13. Illi l-esponenti umilment jissottomettu wkoll illi kif gie ribadit f’ "Bare Co. Ltd vs. Avukat Generali et" deciza mill-

Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fit-18 ta' Mejju 2006): *"bid-duttrina ta' ius superveniens, tqis validu l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, b'dan li ghandha ssir d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-mandat relattiv. Din id-duttrina ta' ius superveniens intuzat mill-qrati taghna biex issalva dak li hu salvabbli, u din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, tista' u ghandha ssalva l-mandat ladarba jekk jithassar ikun jista' jsir iehor gdid bl-okkju korrett - u dan anke biex jigu evitati spejjez zejda u inutili."*

14. Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu ukoll l-impozizzjoni ta' penali taht l-Art. 836 (8) tal-.Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. Illi dwar il-kwistjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f’ dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi, izda bizzejjed jekk tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f’ kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha

12.(*sic)* Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz;

16. Illi l-ligi titlob li l-persuna ezekutata bi hrug ta' Mandat, turi b'raguni u b'mod tajjeb bizzejjed li l-parti ezekutanti kienet imxiet b'hazen jew b'mod fieragh u vessatorju fil-hrug tal-Mandat. Wahda minn dawn it-tliet ragunijiet tkun bizzejjed, imma l-prova ta' mqar wahda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inhareg kontrih. Ghalhekk fil-kaz odjern dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ikollha dubji illi l-esponenti ma mxietx bl-ebda mod imsemmi f' din id-dispozizzjoni;

17. Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Spiteri vs Darmanin" (deciza mill-Imhallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010):

*"Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat."*

18. Illi fil-kawza "Blye Engineering Co. Ltd vs Paolo Bonnici Limited" (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004), l-Qorti sostniet illi:

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li l-ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi. Ghalhekk gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b 'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut, Kollez. Vol. XXVIILI.223; u Barbara vs Fieri" Kollez. Vol. XXVIII.695). Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew mala fede, li hija tista tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha. "*

19. Illi l-kontenut tar-rikors odjern huwa prova cara u limpida tal-awdacita' u l-meskinita' *in facie curiae* tar-rikorrenti stess. Ma ninsewx li dawn huma nies li mhux biss hadu l-ligi b'idejhom, bnew illegalment f'art privata tal-esponenti bil-konsegwenza li fizikament diffnu hanut kummercjali fix-xatt ta' Bugibba b'rizultat li ma jistax la jinbiegh u lanqas jinkera; talli assolutament u altament injoraw ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti li inibiethom milli jkomplu bix-xoghlijiet u ghamlu precizamant l-oppost u baqghu ghaddejjin qishom xejn m'hu xejn;

20. Illi l-intimati huma protetti wkoll mill-grada illegali klandestina u spoljattiva stess li permezz taghha ma jigu notifikati qatt bl-atti gudizzjarji li jigu ipprezentati kontra

taghhom peress li jaraw min qieghed idoqq minn barra permezz tas-sistema ta' CCTV **installata wkoll klandestinament fil-proprjeta' tal-esponenti** u ma jifthu lill-ebda ufficjal ta' din il-Qorti;

21. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex issib li r-rikorrenti ezekutata sehhilha taghti raguni tajba ghaliex il-mandat odjern ghandu jithassar fuq il-kawzali minnha mqajma;

Daqstant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 20 ta' Marzu 2018 fejn meta ssejah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Kevin Camilleri Xuereb u Dr Jan Karl Farrugia. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru in mertu. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 264/2018 li nhareg fuq talba ta' Grands Holdings Limited biex jikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra l-ezekutati, li qed jipprocedu bir-rikors odjern.

Ikkunsidrat, li r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir tal-mandat ta' sekwestru a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi jissottomettu li l-mandat kif redatt jorbot bhala kawzali pretensjoni ghad-danni ma' dak citat testwalment mill-mandat "*liema kwistjoni hija mertu tal-proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi bir-rikors mahluf 954/16/LSO*". Inoltre qed jinvokaw l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 sabiex jitolbu l-kundanna tas-socjeta' intimata ghall-hlas ta' penali.

Illi l-kawza imsemmija hija kawza ta' spoll privileggjat u ghaldaqstant, kif huwa assodat fil-gurisprudenza taghna, talba ghad-danni hija inkompatibbli ma' talba ta' reintegrazzjoni ta' pussess fil-qafas tal-azzjoni kif mahsuba fil-ligi taghna.

Illi fost l-argumenti sollevati u dibattuti, inkluz dak tal-*jus superveniens,* l-intimat ezekutant issottometta li l-formalizmu fl-atti processwali qed jigi allontanat mill-Qrati taghna sabiex jigi evitat id-duplicita' fil-kawza, kif ukoll li referenza ghall-azzjoni li gie jew ser jigi intavolat in sostenn tal-pretensjoni kkawtelata mhuwiex element *sine qua non* ghall-validita' ta' mandat.

Min-naha l-ohra gie ribadit li hu doveruz ghas-sekwestrant li meta jutilizza l-ghodod procedurali bhal ma hu att kawtelatorju, dan jaghmlu b'diligenza, bi prudenza u b'bona fidi. Infatti r-rikorrenti odjerni jaddebitaw lis-sekwestranti b'*culpa grossolana* ekwivalenti ghall-*dolo* u sahansitra jitolbu l-imposizzjoni ta' penali kontra s-sekwestranti.

**Il-Mandat 264/2018**

Illi l-kawzali fir-rikors ghall-hrug tal-mandat *de quo* hija imfissra hekk:

"*Somma rapprezentanti telf ta' qligh mill-kera tal-fond ossia hanut numru 2, Zimella Flats, Islets Promenade Bugibba, liema fond ma jistax jinkera dovut ghall-ispoll ikkagunat mis-sekwestrati, liema kwistjoni hija mertu tal-proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi bir-rikors mahluf 954/16/LSO "*

**Fatti u retroxxena**

Illi fis-6 ta' Novembru 2017, l-istess socjeta' sekwestranti intavolat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet u fuq l-istess identika kawzali (Mandat ta' Sekwestru 1611/2017). Is-sekwestrati pprezentaw rikors ghar-revoka tal-mandat fit-28 ta' Novembru 2017 liema talba giet milqugha b'Digriet ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta, tat-13 ta' Frar 2018.

Il-Qorti, fid-digriet taghha imsemmi, ikkonsidrat:

"*Illi din il-Qorti tikkondividi t-tezi tar-rikorrenti sekwestrati li l-azzjoni ta' danni ma hijiex kompatibbli guridikament u gudizzjarjament mal-azzjoni ta' l-ispoll billi l-indagni mehtiega ghas-sejba ta' responsabbilita' ghad-danni necessarjament tmur lill'hinn mir-rekwiziti tal-azzjoni ta'*

*spoll. Il-jedd prima facie f'kawza ghad-danni huwa preordinat fuq l-ezitu favorevoli tal-azzjoni ta' spoll, filwaqt li l-kawzali mehtiega ghall-azzjoni ta' spoll hija mibnija fuq il-pussess ta' kull xorta jkun."*

*"Ghalkemm f'certu sens it-talba ghad-danni hija subordinata ghal gudizzju favorevoli tal-kawza ta' spoll, il-pretensjonijiet fiz-zewg azzjonijiet mhumiex l-istess. Filwaqt li t-talba f'azzjoni ta' spoll privileggjat timmira ghar-reintegrazzjoni tal-attur fil-pussess, it-talba f'azzjoni ghad-danni timmira ghar-risarciment tat-telf subit minhabba l-ispoll. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-jedd ikkawtelat bil-mandat, li huwa jedd monetarju ghad-danni, huwa l-istess jedd dedott fil-proceduri gudizzjarji gja pendenti bejn il-partijiet."*

Illi fil-mori ta' dawk il-proceduri, s-socjeta' Grands Holdings Limited ipprezentat kawza ghad-danni (Rik Gur.28/2018/LSO).

Illi l-mandat odjern gie pprezentat fis-16 ta' Frar 2018 sussegwentement ghad-digriet ta' revoka precitat. Madanakollu ghal xi raguni, voluta jew b'non kuranza, l-kawzali dedott fil-mandat ma tirreferix ghall-kawza 28/2018 imma terga' tirrepeti r-referenza ghall-kawza ta' spoll.

**Dritt:**

Illi r-rikorrenti qed jinvokaw l-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 li jiddisponu li mandat jista' jigi revokat:

*"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*.....*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

**836(1)(d) tal-Kap 12.**

Illi f' **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni tal-artikolu 836 (1) (d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tigi epurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Inoltre gie ribadit li *"il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' mandat kawtelatorju taht dan ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasal biex "jillikwida" tali pretensjoni f' somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat"*. (PA (RCP) **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** - 5 ta' Dicembru 2012).

Ir-rikorrenti issottomettew li l-ammont ta' €54,750.00c imsemmi fil-mandat kawtelatorju nru. 264/2018 hu abbinat mal-kawza ta' spoll privileggjat fl-ismijiet "*Grands Holdings Ltd v. Raymond Zarb et"* (nru. 954/2016/LSO) u mhux mal-kawza ta' danni fl-istess identici ismijiet bir-referenza numru 28/2018/LSO. L-ammont huwa ghalhekk marbut ma' kawzali ta' proceduri ta'spoll privileggjat.

Illi l-intimat odjern rribadixxa li hija d-dicitura tal-kawzali stess illi ghandha tholl u torbot il-validita' ta' mandat mahrug minn dina l-Qorti u jtenni li l-kawzali imfissra fil-mandat hija dik ta' danni subiti.

Illi din il-Qorti ma tistax takkolji l-argumenti sollevati mis-sekwestranti. Il-mandat kawtelatorju huwa mezz procedurali eccezzjonali moghti lill-kreditur pretiz li jkollu l-bazi ta' *fumus juris*, purke' jkun debitament mahluf. Tajjeb li jigi riaffermat li f'dan l-istadju, l-pretensjoni dedotta bhala kawzali fil-mandat ghadha ma gietx konkretizzata jew akkolta b'gudizzju finali.

Illi l-mandat jinhareg taht ir-responsabbilita' tal-persuna li talbitu u ghalkemm huwa minnu li l-Qrati taghna, inkluz din il-Qorti, ma jesigux formalizmu esagerat, b'dan ma jfissirx li r-redazzjoni ta' mandat kawtelatorju ghandha ssir b'leggerezza, b'non kuranza u bi traskuragni.

Illi fil-mori ta' dan ir-rikors, u cioe` fis-7 ta' Marzu 2018, is-socjeta' Grands Holdings Limited ipprezentat talba ghall-korrezzjoni tal-mandat sabiex ir-referenza ghall-kawza

954/16/LSO tinbidel ghall-28/16/LSO. Din il-Qorti cahdet it-talba b'digriet tat-13 ta' Marzu 2018 billi l-mandat kien gja gie degretat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta abbazi tar-rikors originali, u l-mandat kien gie debitament notifikat u esegwit.

Fid-Digriet taghha din il-Qorti irriteniet hekk:

*"Illi inoltre, huwa minnu li r-referenza ghall-kawza gja intavolata fiha innifisha mhix sine qua non ghall-hrug tal-mandat, izda gjaladarba l-kreditur ghogbu jorbot il-mandat ma' kawzali specifika, ghandu jiehu hsieb li jkun preciz fir-referenza tieghu. Il-mandat jigi notifikat lill-terzi sekwestratarju u jgib konsegwenzi horox u pregudizzjevoli kontra d-debitur li ghandu d-dritt li jippretendi li l-informazzjoni ddikjarata bil-gurament fuq ir-rikors ghall-hrug tal-mandat hija korretta, u li jiehu l-provvedimenti tieghu skont dak li gie hekk iddikjarat."*

Illi kif tajjeb osservaw ir-rikorrenti, fil-kaz odjern, minkejja li s-socjeta' Grands Holdings Limited kienet issubiet penali talli talbet il-hrug ta' mandat fuq kawzali inkompatibbli mal-azzjoni imsemmija fil-mandat, regghet irripetiet *verbatim* it-talba taghha precedenti.

Illi huwa minnu li lanqas hemm il-htiega li min jitlob il-hrug ta' mandat jindika l-azzjoni li ttenta jew li ser jittenta bi precizjoni, u kien ikun bizzejjez li kieku s-sekwestranti indikat biss il-kawzali ta' danni u waqfet hemm. Imma dan ma ghamlitux ghaliex mhux biss semmiet il-kawza bir-

referenza preciza, imma, kif inhu redatt il-mandat, l-azzjoni 954/16/LSO hija <u>parti integrali mill-kawzali</u> tal-mandat, billi l-jedd imsemmi fil-mandat huwa marbut *espressis verbis* mal-kawza ta' spoll. *Imputet sibi* u ghaldaqstant is-socjeta' ezekutanti trid tbaghti l-konsegwenzi ta' dan il-fatt.

**Illi ghal dan ir-raguni din il-Qorti ser tilqa' t-talba u tapplika l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 sabiex tordna r-revoka tal-mandat premess.**

**836(1)(f) tal-Kap 12.**

Illi l-intimata wiegbet li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. (Ara per ezempju decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Awwissu 2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"**).

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug ta' mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh."* (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) 3 ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem *'jinzamm*' u *'mhuwiex aktar mehtieg'* li jinsabu fl-imsemmija

disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

Illi fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*;

Illi izda, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Electro Fix Limited v Electro Fix Energy Limited** *(*PA (AE) - dec. fis-27 ta' Marzu 2013) rriteniet hekk:

"*Ghalkemm hemm provvedimenti tal-Qrati li jghidu li l-paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk isehh xi zvilupp wara li jigi pprezentat l-att kawtelatorju, din il-Qorti mhix daqstant konvinta li dan hu l-kaz fir-rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra 'jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju".* Il-Qorti rragunat li *"l-mandati ta' sekwestru normalment jinhargu minghajr indagni u ghalhekk dan il-provvediment*

*jaghmel sens in kwantu li jaghti l-opportunita' li l-Qorti tara li jekk fil-kaz partikolari li jkollha quddiemha huwiex ragjonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh."* Illi din il-Qorti applikat dan ir-ragunament fid-digriet taghha tas-6 ta' Marzu 2017 fl-ismijet "**Dr Cedric Mifsud noe vs MY Vicky**" ghar-ragunijiet hemm trattati.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern jirrizulta li s-socjeta' sekwestranti, minkejja li kienet gja kkundannata ghall-hlas ta' penali, ghazlet li tirrepeti l-istess talba, bl-istess kawzali, kollox imfisser b'mod identiku, ftit jiem biss wara r-revoka tal-ewwel mandat.

Illi konsiderazzjoni ohra hija li wiehed ghandu jqis ukoll li taht **l-artikolu 383B** tal-La[ 12, mandat kawtelatorju jibqa' fis-sehh sa hmistax-il gurnata wara li l-kawza tghaddi in gudikat. Ma jkun jaghmel l-ebda sens jekk sekwestrant jista' jbiddel r-referenza ghall-azzjoni imsemmija specifikatament fil-mandat, bhala raguni ghall-hrug tal-istess, ma' azzjoni ohra meta din ta' l-ahhar tigi deciza. Inoltre wiehed jista' biss jimmagina l-konfuzjoni li jinholoq tenut kont tal-massima li l-mandat huwa accessorju tal-kawza principali - wiehed ma jkunx jista' jitqieghed fiz-zgur dwar liema kawza hija dik "principali."

**Ghaldaqstant tqies li l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 huwa applikabbli ghall-kaz odjern.**

Illi fid-dawl ta' dan kollu premess din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-argumenti sollevati dwar l-applikabilita' tad-dottrina tal-*jus superveniens.* Il-mandat hu dak li hu.

**Penali**

Illi r-rikorrenti odjerni qed jitolbu l-kundanna tal-intimata ghall-hlas ta' penali a tenur **tal-artikolu 836(8)(d**) li jiddisponi:

*"Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

......

(d) *Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Illi jirid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Ikkonsidrat li l-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz. In linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, il-Qorti fissret ir-rekwiziti tas-subartikolu 836(8) b'kuntrast ma' dawk rikjesti f'azzjoni ghall-kundanna ghad-danni minhabba l-hrug ta' mandat kawtelatorju, u inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-*

*abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Illi filwaqt li din it-talba hija opposta mis-socjeta' intimata, r-rikorrenti isostnu li l-fatt stess li s-sekwestranti regghet ressqet att kawtelatorju fl-istess manjiera u dicitura li kienet diga' giet kkundannata bhala illecita u guridikament inammissibbli minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Frar, huwa manifestament abbuziv u vessatorju.

Hawnhekk issir referenza ghad-decizjoni *in re* **John Bonello noe v. John Ripard noe et** (Appell Superjuri, 25 ta' Ottubru 2013) fejn gie ritenut li n-negligenza grossolana hi ekwivalenti ghal "dolo" .

Fil-kaz ***Alan Mifsud v Avukat Generali*** (QK dec. fl-20 ta' Novembru 1990) il-Qorti tat tifsira ghall-frazi "*frivola jew vessatorja"* fis-sens li 'frivola' inghatat tifsira ta' *"ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament*

*nieqsa mis-sens u b'hekk m'ghandhiex tinghata xi forma ta attenzjoni jew konsiderazzjoni."* 'Vessatorja' giet imfissra bhala "*minghajr ragunjiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lill-kontro-parti."*

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqies li bl-agir taghha s-socjeta' sekwestranti uriet negligenza grossolana u ingustifikata. Il-Qorti tinnota li l-intimata ma tat l-ebda gustifikazzjoni jew spjegazzjoni ghaliex ghazlet li tirrepeti l-istess talba minnkejja li gja kien hemm digriet u kundanna fil-konfront taghha fuq l-istess mandat identiku. Tali agir certament jinkwadra f'abbuz procedurali u kwindi jimmerita kundanna ghall-penali. Madanakollu mhiex ser takkolji t-talba tas-socjeta' rikorrenti biex tapplika penali f'ammont aktar qarib ghall-massimu stabbilit fil-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tikkundanna lis-socjeta' intimata biex thallas penali ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u **tilqa' l-ewwel talba** u thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 264/2018 fl-ismijiet premessi kif spjegat, abbazi tal-**Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet** kif dedotti**; tilqa' r-raba' talba** u **tordna u tikkundanna** lill-kumpanija sekwestranti intimata biex thallas lir-rikorrenti *in solidum* bejniethom

penali ta’ elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) skont l-Art. 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi ma hemmx disposizzjonijiet ohra li ghandhom jinghataw.

Tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi tordna li dawn jithallsu mis-socjeta' intimata.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**9 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**9 ta' April 2018**